# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 703

KAZ NRU. 889

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Kenneth Borg

u

V.F. (Malta) Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 26 ta' Marzu 1996

Chairman : Is-Sur Anthony DeGiovanni

1. DAHLA

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 9 ta' Dicembru 1994 riferenza ME/2/94 Vol. I talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din il-kwistjoni skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. RAPPREZENTANZA

2.1 L-appellant kien irrapprezentat mill-avukat Reno Borg.

2.2 Il-kumpanija kienet irrapprezentata mis-sur Gorg Borg mghejjun mill-avukat J.J. Vella.

3. <u>LISTA TA' XHIEDA</u>

3.1 Ghall-appellant xehdu : Carmen Borg, Kenneth Borg u Helen Mallia

3.2 Ix-xhieda li jidhru hawn taht kienu komuni : Mario Borg, Raymond Gauci u Joseph Muscat

4. <u>PREZENTAZZJONI TA' DOKUMENTI</u>

4.1 L-appellant ipprezenta l-istqarrija tal-kaz li kienet tinkludi lista ta' xhieda mmarkata Dok 1.

4.2 Il-kumpanija pprezentat l-istqarrija tal-kaz li kienet tinkludi lista ta' xhieda u avviz ta' temm ta' mpjieg immarkati Dok 2.

4.3 It-trattazzjoni finali saret bil-fomm fiz-zewg kazi.

5. <u>TAGHRIF GENERALI U TALBIET TAL-PARTIJIET</u>

5.1 L-appellant stqarr li :

5.1.1 hu dahal jahdem mal-kumpanija nhar il-21 ta' Frar 1994 bhala "trainee machanic"

5.1.2 tant kien tajjeb f'xogholu li sahansitra kien ukoll jahdem bis-sahra

5.1.3 matul it-tmien xhur li hadem mal-kumpanija qatt ma gie mwiddeb

5.1.4 gheluq it-tmien xhur, rapprezentanti tal-kumpanija talbuh jirrizenja mill-impjieg u ziedu jghidulu li jekk ma jaghmilx hekk kienu ser jittiehdu passi dixxiplinari kontrih u jitkecca

5.1.5 minkejja talba li ghamel, hu kien rifjutat l-ghajnuna tar-rapprezentanti trejdjunjonistici

5.1.6 t-tkeccija tieghu kienet ingusta u talab kumpens xieraq.

5.2 Il-Kumpanija stqarret li l-appellant irrizenja mill-impjieg minn jeddu u ghaldaqstant it-Tribunal ma kienx kompetenti li jisma' l-kaz.

## 6. ARGUMENTI U PROVI TAL-PARTIJIET

6.1 L-appellant argumenta li :

6.1.1 it-temm ta' l-impjieg tieghu sar wara z-zmien ta' prova miftiehem bejn il-kumpanija u l-Union u intalab jirrizenja biex il-kumpanija tehles mill-obbligazzjonijiet taghha skond il-Ligi

6.1.2 matul iz-zmien ta' tahrig tieghu ma kienx gie imwiddeb. Kien biss fl-ahhar ftit taz-zmien li bdew jiltaqghu mieghu xi ufficjali u jkellmuh dwar nuqqas ta' progress

6.1.3 bosta drabi hu hadem bis-sahra u ghaldaqstant l-argumenti tal-kumpanija li ma kienx tajjeb f'xogholu huma bla bazi

6.1.4 ghalkemm hu ffirma l-avviz ghat-temm ta' l-impjieg tieghu dan ghamlu ghaliex l-ufficjali tal-kumpanija gharrfuh li jekk ma jaghmilx hekk kienu ser jiehdu passi ohra kontrih

6.1.5 skond kif jghid l-istess ftehim industrijali bejn il-kumpanija u l-Union u skond il-kaziztika tat-Tribunal Industrijali hu kellu jinghata twiddib qabel tkeccija

6.1.6 fid-dawl ta' dan kollu t-tkeccija tieghu kienet in-gusta.

6.2 Il-Kumpanija stqarret li :

6.2.1 hi kellha reputazzjoni mill-aqwa bhala "good employer" u l-ahjar relazzjonijiet industrijali mal-Union. Il-fatt li l-kaz ma kienx qed jitressaq mill-Union kien sinifikanti

6.2.2 jirrizulta car mix-xhieda li l-appellant inghata cans ta' mhux anqas minn jumejn biex jiffirma l-avviz ghat-temm ta' l-impjieg

6.2.3 l-appellant kien litterat u anke kieku l-avviz kien vojt l-istess avviz ghandu miktub fuqu b'ittri kbar "TERMINATION NOTICE". Tant kien jaf x'iffirma li ftit hin wara mar jghid lir-rapprezentant tieghu tal-Union li l-kumpanija keccietu mill-impjieg

6.2.4 ghalkemm huwa minnu li l-appellant gie li kien ordnat jahdem bis-sahra dan kien biss minhabba li l-ghazla mahsuba tal-hin biex issir il-manutenzjoni jew tis-wija tal-magni ma kienitx taqa' fil-hin normali tax-

xoghol

6.2.5 mill-provi kollha jirrizulta li l-appellant irrizenja minn jeddu u mhux ghaliex ma kellux triq ohra. Ghal-daqstant ma kienx hemm tkeccija.

## 7. KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

It-Tribunal Industrijali osserva li :

7.1 minflok temmet l-impjieg ta' l-appellant waqt iz-zmien ta' prova l-kumpanija halliet aktar zmien jghaddi bil-hsieb u t-tama li l-appellant jitghallem jaghmel ix-xoghol tieghu sew

7.2 l-appellant kien mgharraf mhux anqas minn darbtejn f'xahar wiehed, li l-kumpanija ma kinitx kuntenta bil-progress tieghu fit-tiswijiet u manutenzjoni tat-taghmir tal-produzzjoni

7.3 il-limitazzjoni ta' tip u kwantita' ta' taghmir fdat lilu ghat-tiswija u manutenzjoni kellha tkun indikazzjoni cara ghalih li kien jehtieg jaghmel sforzi akbar biex ilahhaq ma dak li kienet tistenna minghandu l-kumpanija

7.4 meta l-appellant tpoggiet quddiemu l-hekk imsejha ghazla biex jew jitlaq jew jitkecca hu talab u nghata zmien ta' mhux anqas minn jumejn biex jahsibha. It-Tribunal Industrijali ghandu ghaliex jifhem li l-appellant ghamel uzu ghaqli minn dan iz-zmien

7.5 m'hemm ebda dubju li meta kien mitlub jiffirma l-avviz tat-temm ta' l-impjieg l-appellant kien konxju li kien ser

jaghmel xi haga mportanti hafna ghall-futur tal-karriera tieghu tax-xoghol u li kien qed jaghmilha wara zewg avvizi ghat-titjib fix-xoghol tieghu fl-istess xahar u wara li nghata mhux anqas minn jumejn biex ifittex parir u ghaj-nuna

7.5 immedjatament iffirma l-avviz ghat-temm ta' l-impjieg l-appellant mar jitkellem mar-rapprezentant trejdjunjonis-tiku tieghu. Xi haga li seta' u messu ghamel qabel u mhux wara li ffirma l-avviz

7.6 galadarba l-kumpanija kienet konvinta li kellha raguni gusta ghat-temm ta' l-impjieg ma kellhiex ghalfejn tinqeda b'rizenja volontarja biex taghmel dak li setghet taghmel xorta wahda bil-ligi

7.7 is-sistema pprattikata mill-kumpanija bejn il-perjodu ta' tahrig jizboq iz-zmien miftiehem ta' prova fl-impjieg hija wahda li jinhtieg li tigi riveduta wara konsultazzjoni effettiva mal-Union maghrufa.

8. DECIZJONI

It-Tribunal Industrijali ddecieda li :

8.1 it-temm ta' l-impjieg ta' l-appellant jirrizulta minn rizenja volontarja

8.2 ghall-finijiet tar-regolament ta' l-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 ta' l-1986) maghmula taht Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal Industrijali qieghed

jintaxxa lil kull wiehed miz-zewg difensuri d-drittijiet fis-somma ta' erbghin liri maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Anthony DeGiovanni
CHAIRMAN

George Attard
SEGRETARJU

mrg